MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 350/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Meilak**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Meilak talli:

(1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fit-8 ta’ Novembru 2007 fil-hanut Alencia, Triq Htajriet Mosta, ipprovda jew offra li jipprovdi lil persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn *cash register* fiskali jew

kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

(2) fl-istess post u cirkostanzi naqas jew hu jew impjegat tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e)(o) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-istess Kap. 406, sabet lill-imsemmi Joseph Meilak hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' tmien mitt euro (€800) u hati tat-tieni mputazzjoni u kkundannatu multa ta' tmien mitt euro (€800);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Meilak ipprezentat fis-27 ta' Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-30 ta' Settembru 2009 fejn l-Avukat Dott. Jason Grima ghall-prosekuzzjoni eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell minhabba li nieqes mir-rekwizit tal-fatti fil-qosor;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok sejra tigi trattata l-eccezzjoni sollevata mill-prosekuzzjoni fis-sens illi r-rikros ta' appell huwa null ghax karenti mill-fati fil-qosor.

L-artikolu 419(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

**"Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita` -**
**(a) il-fatti fil-qosor;**
**(b) ir-ragunijiet ta' l-appell;**
**(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."**

Il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti hi fis-sens li dejjem giet dikjarata n-nullita` ta' appell jekk il-vot tal-ligi fl-imsemmi artikolu ma jigix osservat skrupolozament. Jigifieri meta ma jkunx gie osservat xi wiehed jew aktar mill-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 419, dan igib bhala konsegwenza li r-rikors ta' appell ikun null. U n-nullita` hija anki sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku.[1]

Kif inhu risaput, pero`, din il-Qorti tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta' appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta' dak li hu rikjest ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 imsemmi – ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et** App. Krim. 30/4/1990, **Il-Pulizija v. Joseph Tabone** App. Krim. 14/9/2007, u **Il-Pulizija v. George Galea** App. Krim. 15/2/2008.

Issa, fil-kaz in ezami, fir-rikors ta' appell insibu paragrafu qasir li jiddeskrivi l-fatti fil-qosor hekk : *"Illi l-esponent tharrek wara allegat spezzjoni fil-hanut jismu 'Alencia' gewwa l-Mosta. F'ebda hin ma gie allegat waqt is-smigh tal-provi li b'xi mod kien involut l-esponent fl-incident fid-data u l-hin imsemmija fl-imputazzjoni u bil-mod hemm indikat."*

[1] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 27 ta' Novembru 2008; **Il-Pulizija v. Lewis Muscat**, 31 ta' Awissu 2006 ; **Il-Pulizija v. Mario Camilleri**, 3 ta' Dicembru 2001; **Il-Pulizija v. Joe Borg**, 21 ta' Lulju 1995.

Dan il-paragrafu huwa certament telegrafiku izda xorta jista' jinghad illi jissodisfa r-rekwizit ta' l-artikolu 419(1)(a). Jirreferi ghall-ispezzjoni li saret fil-hanut "Alencia" u li tat lok ghal dawn il-proceduri, u jirreferi ghall-fatt illi ma giex allegat li kien involut fil-kaz, u cioe` fic-cirkostanzi msemmija fl-imputazzjonijiet li ma kienx hemm ghalfejn jergghu jigu ripetuti hawn. Ghalhekk il-pregudizzjali ta' l-Avukat Generali qieghed jigi respint.

Issa, l-aggravji ta' l-appellant huma kif gej: (1) ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li hu kien prezenti fil-hanut "Alencia" fid-data indikata fl-akkuza; (2) ma ngabet l-ebda prova li huwa responsabbli ghall-attivita` kummercjali li setghet issir mill-hanut imsemmi; (3) ma ngabet l-ebda prova li huwa offra xi prodott ghall-bejgh ta' kwalunkwe natura filwaqt li ma tax rcevuta ghal tali bejgh u lanqas li huwa kien sprovvist minn kotba ta' rcevuti fiskali kif imsemmi fl-imputazzjoni; (4) ma ngabet l-ebda prova li effettivament persuna li talvolta setghet ghamlet bejgh mill-hanut kienet impjegata tieghu jew li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu.

Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid u ezaminat id-dokumenti esibiti. Huwa minnu illi l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova illi l-appellant kien prezenti fil-hanut fil-gurnata in kwistjoni. Galadarba ma kienx prezenti, ma setghetx issir prova li hu personalment offra xi prodott jew ghamel xi bejgh minghajr ma pprovda rcevuta. Pero` ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet in kwistjoni mhuwiex necessarju illi min ikun registrat mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikun prezenti meta tigi osservata xi infrazzjoni.

Effettivament mill-provi jirrizulta illi fit-8 ta' Novembru 2007, Rachel Cordina flimkien ma' kollega taghha kienu qed jaghmlu *VAT inspections* u meta kienu fil-hanut "Alencia" osservaw il-bejgh ta' oggett tal-fidda ghal Lm4 minghajr ma nghatat rcevuta. Fil-hanut kien hemm certu Kirsten Meilak li identifika ruhu bhala iben l-imghallem. Dan ammetta maghhom li ma kienx hareg rcevuta, qalulu johrog rcevuta mill-*cash register* izda qallhom li ma kellux, u qalulu johrog rcevuta manwali fiskali. Ghajjat lil xi hadd

u wara xi zewg minuti ngab il-*manual fiscal receipt book* u l-persuna msemmija harget rcevuta. Din l-ircevuta tinsab esebita a fol. 11 tal-process.

Kwantu ghall-htiega ta’ *cash register* f’hanut li jbiegh bl-imnut (u galadarba l-*VAT inspectors* osservaw bejgh ta’ oggett wiehed, ma jistax ikun hemm dubju li dak l-oggett kien qieghed jinbiegh *retail* u mhux *wholesale*), din il-htiega tirrizulta mill-partita 3 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Huwa minnu, kif osserva d-difensur ta’ l-appellant fit-trattazzjoni tieghu, illi l-prosekuzzjoni ma gabitx lill-persuna li qalet li jisimha Kirsten Meilak sabiex tixhed f’dawn il-proceduri. Izda kienet min kienet il-persuna fil-hanut imsemmi fil-hin li marru l-*VAT inspectors*, il-fatt hu li l-hanut imsemmi kien miftuh ghan-negozju u kien hemm *salesperson* prezenti li kien qieghed jaqdi lin-nies. X’hemm, pero`, li jista’ jorbot il-gestjoni tal-hanut imsemmi ma’ l-appellant?

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-provi dokumentarji esebiti huma elokwenti hafna f’dar-rigward. L-applikazzjoni ghar-registrazzjoni mal-Kummissarju tal-VAT saret minn Joe Meilak (ID 810945M) bhala direttur ta’ Alencia Dealings Ltd. (ara Dok. RC1 a fol. 5 – 6), f’liema applikazzjoni ndika l-attivita` ekonomika principali bhala “Importer of gold and silver”. In-numru tal-VAT moghti huwa 1079-6430 (ara l-*letter to prosecute* Dok. SP1 a fol. 4 u l-i*spot-check inspection sheet* a fol. 7. L-ircevuta rilaxxata lill-*VAT inspectors* hija proprju ta’ din il-kumpanija, cioe` Alencia Dealings Ltd. bl-imsemmi numru tal-VAT. L-imsemmi Joe Meilak ma jistax ikun hlief l-appellant Joseph Meilak li n-numru tal-karta ta’ identita` tieghu kif rizultanti mic-citazzjoni huwa l-istess bhal dak fl-applikazzjoni ghar-registrazzjoni. Sahansitra l-*card* li nghataw l-ispetturi tal-VAT flimkien ma’ l-ircevuta tindika fuqha “JJ Meilak”. Din il-Qorti mela m’ghandha l-ebda dubju li minn dawn il-provi jirrizulta n-ness bejn l-appellant u l-attivita` ekonomika gestita fil-hanut fejn saret l-ispezzjoni. Is-suggeriment tad-difensur ta’ l-appellant li seta’ kien hemm xi hadd fil-hanut

imsemmi li kien qieghed b’xi mod jabbuza mill-gestjoni tal-hanut jista jigi kkunsidrat biss suppozizzjoni infondata.

Ghalhekk l-appellant gie korrettement misjub hati mill-ewwel Qorti, fil-kaz ta’ l-ewwel imputazzjoni ghax espona oggetti ghall-bejgh meta kien sprovvist minn *cash register*, u fil-kaz tat-tieni imputazzjoni ghax persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu naqset milli tipproduci rcevuta fuq il-bejgh li sar.

Ghal dik li hi piena, l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk sejjer ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu l-htija, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal multa komplessiva ta’ €1600 u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa komplessiva ta’ €1200.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------